## Laqgha Numru 07/K3/2000

## Introduzzjoni

Minuti tas-Seba' Laqgha tas-sena 2000 tat-Tielet Kunsill Lokali Pembroke li saret nhar l-Erbgha 10 ta' Mejju 2000.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fis-6.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Paul Baldacchino, il-Kunsillier Pierre Cordina flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsilliera Carmela Attard u Ray Pace kienu skuzati.

## Agenda

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li gie ppubblikat fit-3 ta' Mejju 2000. L-**Agenda** kienet hekk

1. **Approvazzjoni tal-Minuti 05 / K3 / 2000.**
2. **Approvazzjoni tal-Minuti 06 / K3 / 2000.**
3. **Mistoqsijiet.**
4. **Korrispondenza.**
5. **Ismijiet tat-Toroq.**
6. **Upgrading Qasam tad-Djar San Patrizju u Sant Andrija.**
7. **Rapport Finanzjarju Jannar – Marzu 2000.**
8. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**
9. **Materji Ohra.**

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti 05/K3/2000.

1.1. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ghamel riserva u talab kjarifika ghall-kummenti li saru mill-Kunsillier Ray Pace fin-nuqqas tieghu fejn f'item 3.2 qal li l-Gnien li hemm fi Triq Camillo Sciberras qed isirlu manutenzjoni fuq bazi dilettanteska. Il-kelliem qal li hafna mix-xoghol li jsir huwa fuq bazi volontarja.

1.2. Is-Sindku Joe Zammit ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 05/K3/2000.

1.3. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

1.4. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Paul Baldacchino vvutaw favur u l-Kunsillier Pierre Cordina astjena.

1.5. Il-Mozzjoni ghaddiet.

1.6. Is-Sindku Joe Zammit staqsa lill-Kunsillier Pierre Cordina ghala kien qed jastjeni mill-approvazzjoni tal-minuti.

1.7. Il-Kunsiller Pierre Cordina qal li kien qed jastjeni minhabba l-fatt li ma kellux cans li jaqra l-Minuti.

1.8. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-minuti kienu tqassmu qabel is-seba' t'ijiem li hemm stipulat fil-Ligi.

1.9. Is-Sindku Joe Zammit talab lill-Kunsilliera biex jekk jista' jkun il-Minuti jinqraw qabel il-laqgha.

## 2. Approvazzjoni tal-Minuti 06/K3/2000.

2.1. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ressaq xi emendi li gew notifikati fuq il-Minuti originali.

2.2. Is-Sindku Joe Zammit ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 06/K3/2000 kif emendati.

2.3. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

2.4. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Paul Baldacchino vvutaw favur u l-Kunsillier Pierre Cordina astjena.

2.5. Il-Mozzjoni ghaddiet.

2.6. Is-Sindku Joe Zammit staqsa lill-Kunsillier Pierre Cordina ghala kien qed jastjeni mill-approvazzjoni tal-minuti.

2.7. Il-Kunsiller Pierre Cordina qal li kien qed jastjeni minhabba l-fatt li ma kellux cans li jaqra l-Minuti.

2.1. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-minuti kienu tqassmu qabel is-seba' t'ijiem li hemm stipulat fil-Ligi.

2.2. Is-Sindku Joe Zammit talab lill-Kunsilliera biex jekk jista' jkun il-Minuti jinqraw qabel il-laqgha.

## 3. Mistoqsijiet.

3.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghal-item li kien imiss.

## 4. Korrispondenza.

4.1. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm il-kontijiet u l-korrispondenza kollha li dahlet bejn it-30 ta' Marzu u l-10 ta' Mejju 2000 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera. Fost l-ittri kollha saret riferenza ghal-

| Rif. | Suggett |
|---|---|
| 649 | Ittra minghand R. Scicluna Limited rigward rohs fil-prezz ghat-tender ta' l-upgrading ta' Triq Falaise. |
| 670 | Memo 32/2000 – Spejjez relatati mas-sistema ta' l-infurzar lokali. |
| 677 | Programm ta' kompetizzjonijiet imnieda mill-Gvern Centrali rigward Sebbah Pajjizek 2000. |
| 684 | Ittra minghand il-Pembroke Residents Association rigward materjal li hemm fi Triq Gabrielle Henin. |
| 689 | Ittra minghand Bay Street jitolbu r-rati ta' l-avvizi fuq il-magazine Lehen il-Kunsill. |
| 694 | Ittra minghand l-isptar San Vincent De Paule rigward wirja t'arrangamenti tal-fjuri fl-okkazzjoni ta' Jum l-Omm. |
| 705 | Ittra minghand il-Pembroke Residents Association rigward l-upgrading tal-playing field ta' Triq l-Imhallef Wiliam Harding. |
| 708 | Ittra minghand C J Crafts rigward plakek kommemorattivi bl-emblema tal-Kunsill Lokali. |
| 718 | Memo 34/2000 – Allokazzjoni Finanzjarja 2000/2001 |
| 724 | E Mail minghand il-PRA rigward barbed wire li hemm fi Triq Gabrielle Henin. |
| 733 | Memo 36/2000 – Kompetizzjoni Sebbah Pajjizek 2000 |
| 742 | Kwotazzjoni minghand is-Sur Raymond Agius ghal xoghol ta' aluminium fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill. |
| 744 | Ittra minghand l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali rigward servizzi offruti minn DIVE – TEXT. |
| 745 | Ittra minghand il-Ministru ghas-Servizzi Ekonomici dwar il-kultura ta' politika kummercjali. |
| 747 | Kwotazzjoni minghand Golden Gate Limited ghall-printing ta' A5 Stationery. |
| 750 | Ittra minghand I T Services rigward in-Norton Unti Virus Package. |
| 751 | Kopja t'ittra li l-Ufficcjal Awtorizzat baghat lill-Guard & Warden rigward is-servizz tal-Gwardjani f'Pembroke. |
| 755 | Permess minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar biex issir Locality Map fi Triq Alamein kantuniera ma' Triq Cassino. |
| 756 | Ittra minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar rigward tqassim ta' materjal informattiv dwar in-North Harbour Plan. |
| 758 | Kwotazzjoni minghand TCTC ghall-upgrades tal-kompjuter kif ukoll kompjuter gdid. |
| 760 | Ittra minghand l-AKLM rigward il-Performing Rights. |
| 761 | Ittra minghand il-kumitat kongunt lill-Guard & Warden rigward is-servizz tal-Gwardjani Lokali. |
| 773 | Kwotazzjoni ghal-xoghol ta' uliminium ghall-Locality Maps u Bus Schelters. |
| 778 | Rapport minghand il-Ministeru tal-Gustizzja u Kunsilli Lokali dwar l-efficjenza tal-Kunsill Lokali Pembroke. |

4.2. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **649** is-Sindku Joe Zammit irringrazzja lis-Segretarju Ezekuttiv ghall-inizjattiva tieghu biex gab l-ahjar prezz minghand il-Kumpanija R. Scicluna Limited li kien hafna irhas minn dak li kien lest li jhallas il-Kunsill u dan ghal beneficcju ta' l-istess Kunsill.

4.3. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **677** il-Vici Sindku Paul Baldacchino ppropona li minhabba nuqqas ta' zmien il-Kunsill ghandu jaghmel avvizz mal-bieb tal-Kunsill biex ir-residenti jkunu nfurmati bil-Kompetizzjoni Sebbah Pajjizek. Il-kelliem ppropona wkoll li wara li r-residenti jgibu l-applikazzjonijiet taghhom ikun il-Kunsill li jaghzel l-ahjar ta' kull kategorija biex wara tigi nominata ghall-kompetizzjoni nazzjonali.

4.4. Is-Sindku Joe Zammit ssekonda.

4.5. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **684** is-Sindku Joe Zammit qal li kien ser jinforma lill-AFM biex jara jekk jistax jitnehha l-materjal li hemm fuq il-blat biex ma jkunx hemm periklu ghan-nies li jifrekwentaw l-akwati.

4.6. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **689** is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-Kunsill ma jistax jigbor flus minn reklami fil-magazine. Il-kelliem talab lill-Kunsill biex jirregola mal-ligi u tinhareg Bye Law ghal dan il-ghan.

4.7. Wara diskussjoni qasira s-Sindku Joe Zammit ppropona li l-Kunsill ma jigborx flus ghar-reklami izda minn ikun jixtieq jaghmel sponsor il-Kunsill ikun lest li jaghmel stampa ta' l-istabbilment jew intrapriza partikulari bhala rikonnoximent.

4.8. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

4.9. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.10. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **694** gie deciz li l-Kunsill ma jilqax l-istedina ta' l-Isptar San Vincent De Paule biex issir bukkett fjuri ghall-attivita' msemmija u dan minhabba li qed isiru numru ta' talbiet simili.

4.11. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **705** is-Sindku Joe Zammit ppropona li l-PRA jigu nfurmati li fis-sena finanzjarja 2000/2001 il-Kunsill m'huwiex f'pozizzjoni finanzjarja li jitkompla l-progett ta' l-Upgrading tal-Playing Field ta' Triq l-Imhallef William Harding ghalkemm dan huwa parti mill-Business Plan tal-Kunsill ghas-snin li gejjien kif ukoll minhabba l-fatt li l-Kunsill qed jadotta policy li l-ewwel jigu konkluzi l-progetti diga mibdija fosthom dak ta' Triq Falaise qabel jindbdew numru ohra u jithallew nofs lehja kif gara fil-passat inkluz dan il-Playing Field.

4.12. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

4.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.14. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **708** is-Sindku Joe Zammit ppropona li l-Kunsill jigbor kwotazzjonijiet biex isir souvenir ufficcjali tal-Kunsill li dan ghandu jkun l-Arlogg tal-Lokal li jinsab quddiem il-Kunsill.

4.15. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

4.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.17. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **742** is-Sindku Joe Zammit ppropona li tigi accettat l-kwotazzjoni tas-sur Raymond Agius biex isir xoghol ta’ aluminium fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill.

4.18. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

4.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.20. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **744** il-Kunsill qabel unanimament li jikkunsidra l-offerta ta’ Dive Text aktar il-quddiem.

4.21. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **745** gie deciz unanimament li l-Kunsill jikkunsidra li jippartecipa fil-politika Kummercjali ladarba f’Pembroke jibda jinbena c-Centru Kummercjali.

4.22. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **747** il-Vici Sindku Paul Baldacchino ppropona li jigu stampati 4000 karti A5 abjad u iswed, ghal uzu ta’ l-ufficcju, minghand il-kumpanija Golden Gate.

4.23. Il-Kunsillier Pierre Cordina ssekonda.

4.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.25. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **750** is-Sindku Joe Zammit ppropona li jinxtara s-Software Norton Unti Virus ghall-prezz ta’ mhux aktar minn Lm 20.00 u dan minhabba li huwa utli ghall-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

4.26. Il-Kunsillier Pierre Cordina ssekonda.

4.27. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.28. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **756** is-Sindku Joe Zammit ppropona li l-Kunsill iqabbad lis-sur William Borg biex iqassam materjal rigward in-North Harbour Plan stampat mill-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar bil-prezz ta’ Lm 20.00 mhux fil-granet li jmissu xoghol mal-Kunsill.

4.29. Il-Kunsillier Pierre Cordina ssekonda.

4.30. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.31. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **758** is-Sindku Joe Zammit ppropona li jingabru kwotazzjonijiet ghal xiri ta’ kompjuter gdid kif ukoll biex jigu upgraded il-kompjuters li ghandu bhalissa l-Kunsill u dan minhabba l-fatt li skond il-MITTS il-kompjuters prezenti mhux ser ikunu qed jifilhu ghas-software kollu li ser jigi nstallat sa l-ahhar tas-sena.

4.32. Il-Kunsillier Pierre Cordina ssekonda.

4.33. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.34. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **760** is-Sindku Joe Zammit ppropona li l-Kunsill ma jhallasx ghal-Performing Rights minhabba l-fatt li ma jidhirx li fil-futur il-Kunsill ser juza dan is-servizz.

4.35. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

4.36. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.37. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **761** is-Sindku Joe Zammit flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg infurmaw lill-Kunsill bil-qaghda prekarja tat-thaddim tal-Gwardjani Lokali. Il-kelliema rrakkomandaw li wara li l-Kunsill jircievi l-ewwel kontijiet ta’ xhur shah jigifieri fosthom dak t’April il-Kunsill

ghandu jezamina bir-reqqa biex jigi deciz il-hinijiet tas-servizz mitlub mill-Gwardjani Lokali.

4.38. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **773** is-Sindku Joe Zammit fakkar lill-Kunsill li l-informazzjoni mitluba lill-Kunsillier Ray Pace dwar il-locality maps ghada ma waslitx u jista' jaghti l-kaz li MDS tkun qed tikkunsidra l-isponsor li kienet lesta li taghmel jekk ikun hemm aktar dewmien.

4.39. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **778** is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill prezenti kien iddecieda u huwa tal-fehma li l-importanza ghandha tinghata lit-toroq fejn joqghodu r-residenti u mhux ta' l-istat tat-toroq mhux urbani.

## 5. Ismijiet tat-Toroq.

5.1. Is-Sindku Joe Zammit qal li minhabba l-fatt li l-Kunsillier Ray Pace li huwa responsabbli mit-traffiku kif ukoll minhabba l-fatt li l-Kunsillier Carmela Attard kienet skuzata din l-item kienet ser tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

## 6. Upgrading Qasam tad-Djar San Patrizju u Sant Andrija.

6.1. Is-Sindku Joe Zammit ppropona biex bl-ammont ta' Lm 4,500.00 mill-ammont ta' Lm 10,000 li l-Kunsill ghandu vvutat bhala Urban Improvements parti minnu jintefaq biex isir upgrading ta' l-area li hemm fil-Qasam tad-djar Sant Andrija bejn il-Gnien li hemm fi Triq Falaise u l-Iskola Sir Luigi Preziosi u dan biex jinholoq passagg inkluz post fejn jipparkjaw il-karozzi quddiem Blokk 4.

6.2. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

6.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.4. Is-Sindku Joe Zammit ppropona li l-Kunsill iqabbad b'direct order lill-Kumpanija MED Design Consultants Limited biex tipprepara pjanti kif ukoll surveys relatati jekk jinhass il-bzonn ghall-upgrading tal-Qasam tad-Djar Sant Andrija u l-Qasam tad-Djar San Patrizju.

6.5. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda sakemm in-nefqa totali ma tkunx t'aktar minn Lm 500.00 skond kif stipulat fil-ligi.

6.6. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Paul Baldacchino vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Pierre Cordina astjena.

6.7. Il-Mozzjoni ghaddiet.

6.8. Is-Sindku Joe Zammit staqsa lill-Kunsillier Pierre Cordina ghax kien astjena.

6.9. Il-Kunsillier Pierre Cordina nforma lis-Sindku li ma xtaqx jikkummenta.

6.10. Is-Sindku Joe Zammit ppropona li l-kuntratt tal-kumpanija MED Design Consultants jigi emendat biex fejn f'pagna 4 tal-kuntratt fejn hemm l-***Ispecification Conditions of contract and specifications for services contract for local council project management annex 1 – local councils contracts as of 1 st april 1999 li kienu 1 - Upkeep and Maintenance of Roads u 2 Road Resurfacing*** issir adenda u jizdied il-kliem dejjem jekk il-kumpanija taccetta li l-Kunsill qed jitlob xoghol ta' Perizja fl-Inginerija Civili suggett ghal-approvazzjoni tal-Kunsill f'kull kaz u f'kull progett iehor ghajr ghal

dawk hawn fuq diga approvati. Il-kelliem qal li qed jipproponi dan it-tibdil fid-dawl li fl-istess pagna hemm indikat u jikwota li ***In case more contracts are added to the above list, the remuneration thereof shall be negotiated between the Council and the Contract Manager.*** Il-kelliem ghamel riferenza ghall-tariffa K tal-Periti fejn qal li Periti ma jistghux jitolbu hlas ta' anqas minn 6% tal-progett inkwistjoni u ghal dan il-ghan jekk il-Kunsill japprova din il-mozzjoni xoghol konness ma' progetti ohra jkun ifisser li l-Kunsill ikollu tariffa ta' 6%.

6.11. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

6.12. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Paul Baldacchino vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Pierre Cordina astjena.

6.13. Il-Mozzjoni ghaddiet.

6.14. Is-Sindku Joe Zammit staqsa lill-Kunsillier Pierre Cordina ghax kien astjena.

6.15. Il-Kunsillier Pierre Cordina nforma lis-Sindku li ma xtaqx jikkummenta.

6.16. Is-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Kevin Borg irrakkomanda lill-Kunsill biex jekk mhuwiex kuntent bis-servizzi tal-Periti li qed jahdmu mal-Kunsill fil-prezent jigifieri Cachia & Formosa l-Kunsill ghandu johrog sejha ghal-offerti.

6.17. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li l-Kunsill ikollu diversi Periti jahdmu xoghol tal-Kunsill fosthom ukoll lil-Perit Mariello Spiteri, l-Kumpanija MED Developers kif ukol il-Perit Robert Musumeci li kollha hadmu mal-Kunsill f'dawn l-ahhar xhur u snin. Is-Sindku rrimarka wkoll li ma jirrizultax li l-Kumpanija Cachia & Formosa ghandhom kuntratt iffirmat ghal xi perjodu ta' zmien mal-Kunsill. Il-kelliem qal li hu kien ta' l-opinjoni li bil-mozzjoni li ghada kemm giet approvata l-Kunsill irranga zbalji li kienu saru f'dawn l-ahhar snin fejn il-kumpanija ghamlet xoghol minghajr tender bi zmien stipulat.

## 7. Rapport Finanzjarju Jannar – Marzu 2000.

7.1 Is-Sindku Joe Zammit ppropona l-approvazzjoni tar-Rapport finanzjarju Jannar-Marzu 2000. **( Ara Appendici A )**

7.2 Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

7.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.4 Is-Sindku Joe Zammit ppropona li tinhareg it-Tender tar-Road Resurfacing ghall-prezz ta' Lm 40.00 kif ukoll li r-residenti ghandhom jigu nfurmati li ser ikollhom ihallsu ghal ispiza biex jinbidlu l-kanen ta' l-ilma skond il-policy l-gdida li qed taddotta l-Korporazzjoni tas-servizzi ta' l-Ilma.

7.5 Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

7.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.7 Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg pprezenta lill-Kunsill l-Estimi Annwali ghas-Sena Finanzjarja April – Marzu 2000/2001 liema estimi jinkludu r-retained funds kif ukoll l-ammonti tal-kontijiet li kienu ghadhom ma thallsux.

## 8. Approvazzjoni tal-Kontijiet.

8.1. Is-Sindku Joe Zammit ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet. **( Ara Appendici B )**

8.2. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

8.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.4. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fis-shedule of Payment tal-laqgha precedenti kien hemm zball matematiku fil-bilanc. Il-kelliem qal li qed jaghmel din ir-rimarka biex tkun kjarifikata ghala l-bilanc ma jsegwix.

8.5. Il-Kunsillier Paul Baldacchino qal li l-Kunsill japprova l-kontijiet u mhux il-bilanc rikorrenti ghalkemm japprezza li l-Kunsill ikun infurmat kontinwament bil-qaghda finanzjarja.

## 9. Materji Ohra.

9.1. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li nhar il-Gimgha 12 ta' Mejju ser ikollu laqgha mar-residenti ta' Blokk 6 u 7 tad-Djar San Gorg rigward il-problema tal-parking. Il-kelliem ppropona biex jekk huwa permess bil-ligi li jinghata permess biex isir parking fuq il-bankina minhabba l-problema ezistenti u dan skond kif kien gie deciz ukoll ghall-fatt ta' triq Alamein u madwar Juno Flats. Il-kelliem talab ukoll biex l-access li jithalla vojt ghall-pubbliku jkun ta' tlett piedi u mhux 1.2 metri kif kien gie rrakkomandat u dan minhabba l-fatt li 1.2 metri m'humiex prattikabbli.

9.2. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

9.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.4. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-kummenti li setghu saru mill-Kunsillier Pierre Cordina flimkien mat-tifel tal-Kunsillier Carmela Attard fejn is-sur Gianni Schriha kien qal li gie nfurmat li kien is-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Kevin Borg li kien qed jibghat il-Gwardjani Lokali biex dan ta' l-ahhar jinghata numru ta' citazzjonijiet fuq vetturi li ghandu minghajr licenzji tas-sewqan jew minghajr pjanci. Il-kelliem qal li huwa minnu li l-Kunsill inkluda l-area tal-Qasam tad-Djar San Patrizju fir-rotta tal-Gwardjani izda ma kienx minnu li dawn qed jintbaghtu specifikament ghal xi individwu. Is-Sindku qal ukoll li s-sur Schriha qabel il-laqgha tal-Kunsill ikkonferma quddiemu kif ukoll quddiem il-Vici Sindku Paul Baldacchino u l-Kunsillier Pierre Cordina li t-tifel tal-Kunsillier Carmela Attard kien infurmah li kien il-Kunsillier Pierre Cordina li kien qallu biex jekk irid kien lest li jinzel mieghu l-Kunsill u jghidlu quddiem is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg li l-Gwardjani Lokali kien qed jibghathom lis-sur Scriha biss. Is-Sindku Joe Zammit qal li s-sur Scriha talab skuza lis-segretarju Ezekuttiv talli hadha kontrih meta wara l-kjarifika li saret irrizulta li mhux minnu dak li kien qed jigi allegat izda kien il-Kunsill li jibghat il-Gwardjani u mhux is-segretarju Ezekuttiv Kevin Borg. Il-kelliem fakkar li s-sur Scriha insista li l-informazzjoni li kellu hu kien qalilu t-tifel tal-Kunsillier Carmela Attard wara li dan ta' l-ahhar kien kiseb din l-informazzjoni minghand il-Kunsillier Pierre Cordina. Il-kelliem talab lill-Kunsilliera biex kemm jista' jkun ma jsirx paroli li jista' jitfa dell ikrah fuq persuni liema insinwazzjonijiet ma jkunux veritieri u li jista' jkollhom konsegwenzi li jistghu jkunu hziena.

9.5. Is-Sindku Joe Zammit ppropona li l-Kunsill jilqa' l-offerta ta' l-Assocjazzjoni Kunsilli lokali biex tithallas is-somma ta' Lm 19.00 fis-sena bhala assikurazzjoni ghall-flus li qed jingabru mill-Kunsilli Lokali vis-à-vis il-Gwardjani Lokali u Licenzi tal-Hwienet.

9.6. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

9.7. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.8. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li hu kien ser jipprova jara jekk il-kumpanija li l-Kunsill huwa assigurat maghha tinkludiex din l-emenda fil-polza tas-sigurta biex b'hekk il-Kunsill ikun jista' jiffranka ftit flus.

9.9. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kien rcieva mozzjoni minghand il-Kunsillier Ray Pace liema mozzjoni kienet datata 25 t'April 2000 izda li waslet fil-5 ta' Mejju 2000 u ghal dan il-ghan ma setghetx tkun item fuq l-Agenda izda ser tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

9.10. Fid-dawl ta' din il-mozzjoni il-Vici Sindku Paul Baldacchino informa lill-Kunsill li fil-laqgha li jmiss ser iressaq mozzjoni biex tkun policy tal-Kunsill li kull min jaghmel xi mozzjoni jew rakkomandazzjoni li tikkoncerna nfieq ta' flus, l-istess mozzjoni ghandha tinkludi wkoll mil-liema fondi ghandhom jittiehdu l-flus ghas-skapitu ta' liema vot.

9.11. Is-Sindku Joe Zammit ppropona li jkun hemm emendi u jitnaqqsu darba iva u darba le s-sighat tal-Gwardjani Lokali.

9.12. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

9.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.14. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino informa lill-Kunsill li nhar is-Sibt 13 ta' Mejju hu flimkien mal-handyman kienu ser jaghmlu xi xoghol fil-gnien li hemm fi Triq Camillo Sciberras

9.15. Il-Laqgha ntemmet fid-9.30 pm wara li ntlahaq ftehiem li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 24 ta' Mejju 2000 fil-5.30 pm.

| | |
|---|---|
| **Joe Zammit** | **Kevin Borg** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |